V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11088 — LIBERTY GLOBAL / MEDIAHUIS / NRJ GROUP / VLAANDEREN EEN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 190/14)

1. Fis-16 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Liberty Global Plc ('Liberty Global', ir-Renju Unit),

— Mediahuis NV ("Mediahuis", il-Belġju),

— NRJ Group SA ("NRJ", Franza),

— Vlaanderen Eén NV ("Vlaanderen Eén", il-Belġju).

Liberty Global, Mediahuis u NRJ se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Vlaanderen Eén.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Liberty Global: kumpanija tas-servizzi tal-internet broadband, vidjo, telefonija b'linja fissa u servizzi tal-komunikazzjoni mobbli konverġenti internazzjonali f'diversi Stati Membri, inkluż permezz ta' Telenet fil-Belġju u fil-Lussemburgu. Telenet hija fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni lill-konsumatur u kumpanija prinċipali ta' xandar televiżiv Play Media (PLAY4, PLAY5, PLAY6 u PLAY7),

— Mediahuis: grupp medjatiku ewlieni fil-Belġju, in-Netherlands, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Ġermanja,

— NRJ Group: grupp tal-media privat attiv prinċipalment fi Franza, fl-oqsma tal-edizzjoni, il-produzzjoni, l-avvenimenti, ix-xandir televiżiv u tar-radju u l-bejgħ tal-media.

— Vlaanderen Eén: xandar kummerċjali li jopera Nostalgie Vlaanderen, kanal tar-radju kummerċjali bil-lingwa Olandiża b'aċċess għall-frekwenzi FM li jippermettilu jkopri t-territorju kollu tal-komunità Fjamminga fil-Belġju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11088 — LIBERTY GLOBAL / MEDIAHUIS / NRJ GROUP / VLAANDEREN EEN

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.